MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 13/2014

**Gregory GRECH**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Joseph Grech li b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2014 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapresenta l-eredita gjacenti tal-mejjet Carmel GRIMA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-21 ta' April, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elf erba' mija u tnax-il euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,412.77c] u dan wara li ppremetta hekk:

"(i) Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond numru hdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Ghawdex;

(ii) Illi l-attur kien jikri dan l-istess fond lil Carmel Grima, li miet fit-3 ta' Settembru, 2013;

(iii) Illi din l-istess kirja ghalqet fl-ahhar ta' Settembru, 2013;

(iv) Illi bejn il-partijiet ma kienx hemm skrittura formali, izda kienet tinghadda ricevuta annwali;

(v) Illi l-attur gie mghoddi lura c-cwievet tal-fond in kwistjoni fid-disgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena kurrenti (29.03.2014);

(vi) Illi meta acceda fil-post proprjeta tieghu l-attur sab is-segwenti Danni: bieb nieqes tal-valur ta' mitejn euro (€200), bieb iehor nieqes tal-valur ta' mija u hamsin euro (€150), bieb imkisser tal-valur ta' hamsin euro (€50) u sellum nieqes ghall-valur ta' tmenin euro (€80), liema Danni ghalhekk jammontaw ghal erba' mija u tmenin euro (€480);

(vii) Illi l-konvenuti huma kollha debituri fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600) rapprezentanti l-kera dovuta ghax-xhur minn Ottubru 2013 sa Marzu 2014;

(viii) Illi l-istess konvenuti huma wkoll debituri fil-konfront tal-attur fir-rigward tal-arretrati tal-konsum tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' mitejn u sitta u ghoxrin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€226.57), kif jidher minn tliet (3) kontijiet relattivi, hawn annessi u mmarkati Dokumenti GG1-GG3;

(ix) Illi oltre dan, il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur ukoll is-somma ta' mija u sitt euro u ghoxrin centezmu (€106.20), rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mill-attur ghal proceduri legali;

Jghidu ghalhekk, il-konvenuti, ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Tribunal:

(i) Jikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmenin euro (€480), rapprezentanti d-danni kkagunati fil-fond proprjeta tal-attur, kif fuq spjegat;

(ii) Jikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt mitt euro (€600), rapprezentanti l-kera dovuta ghax-xhur minn Ottubru 2013 sa Marzu 2014;

(iii) Jikkundannahom ihallsu lill-attur l-ammont ta' mitejn u sitta u ghoxrin euro u sebgha u hamsin centezmu (€226.57) rapprezentanti l-arretrati ghall-konsum tad-dawl u l-ilma, relattiv ghall-fond in kwistjoni;

(iv) Jikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' mija u sitt euro u ghoxrin centezmu (€106.20) rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mill-attur ghal proceduri legali.

Bl-ispejjez, inkluża VAT, u bl-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorjupprezentat kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni".

Ra d-digriet ta' astensjoni datat 24 ta' Gunju, 2014 u li permezz tieghu l-Gudikatur Dott. Kevin Mompalao astjena milli jisma l-kaz;

Ra **r-risposta tal-kuratur intimat l-Avukat Dott. Joseph Grech** mressqa fit-2 ta’ Lulju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“1. Illi l-esponenti fil-mument ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz u lanqas ghandu ebda kuntatt mal-konvenuti;

2. Illi in vista ta’ dan huwa ma huwiex f’posizzjoni li fil-prezent iressaq provi ghar-rigward tat-talbiet attrici filwaqt li minn issa izomm salvi u fermi d-drittijiet tieghu sabiex iressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha skont il-ligi”;

Ra l-verbal tal-20 ta’ Novembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ra l-atti;

Semgha’ x-xhieda;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ elf erba’ mija u tnax-il euro u sebgha u sebghin centezmi ta’ euro [€1,412.77c] rappreżentanti:

(i) Danni fl-ammont ta’ €480:

(a) bieb nieqes tal-valur ta’ mitejn euro (€200);
(b) bieb iehor nieqes tal-valur ta’ mija u hamsin euro (€150);

(c) bieb imkisser tal-valur ta' hamsin euro (€50)
(d) sellum nieqes ghall-valur ta' tmenin euro (€80);

(ii) Arretrati ta' kera ghar-rigward tal-fond numru hdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Ghawdex ghal perjodu Ottubru 2013 sa Marzu 2014 fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600);

(iii) Arretrati ghall-konsum tad-dawl u ilma ghar-rigward tal-fond numru hdax (11), Triq Xabbata, Sannat, Ghawdex fl-ammont ta' mitejn u sitta u ghoxrin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€226.57);

(iv) Spejjez inkorsi fil-proceduri legali fl-ammont ta' mija u sitt euro u ghoxrin centezmu (€106.20);

2. Il-Kuratur Deputat, l-Avukat Dottor Joseph Grech, laqa ghat-talbiet tar-rikorrenti billi qal li fil-mument ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u lanqas kellhu ebda kuntatt mal-eredi tad-defunt Carmel Grima. In vista ta' dan, kompla jghid il-kuratur deputat huwa ma kienx f'posizzjoni li fil-prezent iressaq provi ghar-rigward tat-talbiet rikorrenti filwaqt li zamm salvi u fermi d-drittijiet tieghu sabiex iressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha skont il-ligi.

Ikkunsidra;

3. F'dawn il-proceduri xehed biss ir-rikorrenti Gregory Grech. Huwa esebixxa diversi riċevuti u stima in sostenn tat-talbiet tieghu. It-Tribunal ma jarax l-ghala ghandu jiddubita mill-awtenticita taghhom jew minn dak li xehed ir-rikorrenti. Lanqas ma kien hemm xi kontestazzjoni dwar tali dokumenti jew fatti anke l-ghaliex, kif jghid il-kuratur deputat stess, huwa ma kienx edott mill-fatti u ma kellhux kuntatt mal-eredi tad-defunt Carmel Grima. Ghaldaqstant, mehud kollox in konsiderazzjoni, t-talbiet tar-rikorrenti jisthoqqhom li jiġu milqugha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jichad l-eccezzjoni kollha mqanqla mill-kuratur deputat Dr. Joseph Grech;

2. Konsegwentement qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u qieghed jikkundanna lill-eredi ta’ Carmel Grima sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma reklamata ta’ elf erba’ mija u tnax-il euro u sebgha u sebghin centezmi ta’ euro [€1,412.77c] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-eredi ta’ Carmel Grima salv ghall-ispejjez tal-kuratur deputat Dr. Joseph Grech li ghandhom jithallsu temporanjament mir-rikorrenti. Dawn l-ispejjez tal-kuratur deputat imbaghad jingabru mir-rikorrenti mill-eredi ta’ l-imsemmi Carmel Grima.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------